IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.5.2013
COM(2013) 325 final

2013/0168 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

Il-merkurju u l-biċċa l-kbira tal-komposti tiegħu huma tossiċi ħafna għall-bnedmin, għall-ekosistemi u għall-organiżmi slavaġ. Għalhekk, dan l-element kimiku ilu li ġie rrikonoxxut bħala sustanza ta' tħassib globali mill-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (l-UNEP) sa mill-2003[1] u, fil-livell tal-UE, huwa suġġett għal sett komprensiv ta' miżuri ta' kontroll fl-ambitu tal-Istrateġija Komunitarja dwar il-Merkurju (fil-qosor imsejħa "l-istrateġija"), li ġiet adottata fl-2005[2].

Abbażi tal-approċċ ta' politika ddefinit fl-Istrateġija, l-UE ilha sa mill-2005 li talbet biex jiġi nnegozjat strument globali u legalment vinkolanti dwar il-merkurju taħt il-patroċinju tal-UNEP. Il-merkurju huwa persistenti u l-emissjonijiet tiegħu fl-arja huma suġġetti għal propagazzjoni atmosferika fuq distanza twila, għal depożiti madwar id-dinja kollha u għal kumulu fil-katina alimentari, b'mod partikolari fil-ħut. Għalhekk, il-miżuri li jkunu limitati għaż-żona ġeografika tal-UE biss mhumiex biżżejjed biex tiġi indirizzata l-problema globali tal-merkurju.

Il-pożizzjoni ġenerali miftiehma mill-UE (mogħtija fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill ta' Diċembru 2008) talbet li jinħoloq strument komprensiv dwar il-merkurju, li jkun ikopri azzjonijiet biex titnaqqas il-provvista tal-merkurju; titnaqqas id-domanda għall-merkurju fil-prodotti u l-proċessi; jitnaqqas il-kummerċ internazzjonali tal-merkurju; jitnaqqsu l-emissjonijiet atmosferiċi tal-merkurju; tintlaħaq ġestjoni tajba mil-lat ambjentali tal-iskart li jkun fih il-merkurju; jinstabu soluzzjonijiet tajba mil-lat ambjentali għall-ħżin tal-merkurju; jiġi indirizzat ir-rimedjar ta' siti kontaminati eżistenti; u, jiżdied l-għarfien. Fil-Konklużjonijiet tiegħu ta' Ġunju 2012, il-Kunsill saħaq dwar l-importanza li nkomplu nieħdu sehem b'mod attiv fin-negozjati dwar l-elementi kollha tal-konvenzjoni globali dwar il-merkurju tal-ġejjieni.

Permezz tad-Deċiżjoni GC 25/5 tal-Kunsill Amministrattiv ta' Frar 2009, l-UNEP waqqaf Kumitat Intergovernattiv ta' Nnegozjar (INC - "*Intergovernmental Negotiating Committee*") u wkoll tah, bl-istess mod bħall-UE, mandat wiesa' għal strument komprensiv globali u legalment vinkolanti dwar il-merkurju.

Abbażi ta' dan il-mandat, saru ħames laqgħat tal-INC: l-INC-1 fi Stokkolma f'Ġunju 2010, l-INC-2 fil-belt ta' Chiba fil-Ġappun f'Jannar 2011, l-INC-3 f'Najrobi fil-Kenja f'Novembru 2011, l-INC-4 f'Punta del Este fl-Urugwaj bejn is-27 ta' Ġunju u t-2 ta' Lulju 2012 , u l-aħħar waħda l-INC-5 f'Ġinevra bejn it-13 u t-18 ta' Jannar 2013.

Fl-14 ta' Diċembru 2010, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem l-UE, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jkunu fl-ambitu tal-Unjoni u li l-Unjoni tkun adottat regoli għalihom, fin-negozjati dwar strument legalment vinkolanti dwar il-merkurju, b'konsulenza ma' kumitat speċjali ta' rappreżentanti tal-Istati Membri, u skont id-direttivi ta' nnegozjar stabbiliti fl-Addendum għal din l-awtorizzazzjoni.

L-INC-5 ġiet konkluża, kif ippjanat, billi ntlaħaq ftehim dwar it-test ta' strument globali legalment vinkolanti li jindirizza l-kwistjonijiet marbutin mal-merkurju, li se jkun magħruf bħala l-Konvenzjoni ta' Minimata dwar il-Merkurju, u b'hekk twettaq il-mandat mogħti mid-Deċiżjoni GC 25/5 tal-UNEP biex il-proċess ta' nnegozjar jiġi konkluż qabel is-27 Sessjoni Regolari tal-Kunsill Amministrattiv tal-UNEP (li saret f'Najrobi mit-18 sat-22 ta' Frar 2013).

---

[1] Id-Deċiżjoni 23/9 tal-Kunsill Amministrattiv tal-UNEP.

[2] COM(2005) 20 finali, 28.1.2005, riveduta fid-dokument COM(2010) 723 finali, 7.12.2010.

L-Unjoni kellha rwol importanti fit-twettiq ta' dan il-proċess ta' nnegozjar u pparteċipat b'mod attiv għar-riżultat, li huwa fil-limiti tad-direttivi ta' nnegozjar mogħtija lill-Kummissjoni.

Is-27 sessjoni tal-Kunsill Amministrattiv tal-UNEP laqgħet tajjeb it-tlestija tal-proċess ta' nnegozjar u talbet lid-Direttur Eżekuttiv biex ilaqqa' konferenza tal-plenipotenzjarji bl-iskop li l-konvenzjoni tiġi adottata u li tinfetaħ għall-iffirmar.

Il-konvenzjoni l-ġdida dwar il-merkurju se tinfetaħ għall-iffirmar waqt Konferenza Diplomatika li għandha ssir f'Kumamoto (fil-Ġappun) bejn is-7 u l-11 ta' Ottubru 2013. Hija se tissejjaħ "il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju", għall-belt li tinsab qrib Kumamoto, u li fiha fis-snin ħamsin (1950s) kien seħħ l-agħar każ ta' tniġġis bil-merkurju.

Il-kontenut tal-konvenzjoni dwar il-merkurju huwa konformi mal-pożizzjoni ġenerali tal-UE, kif miftiehma mill-Kunsill fl-2008 u kkonfermata fl-2012.

Fid-dawl ta' dan kollu, ikun xieraq li rappreżentant tal-Unjoni Ewropea jiffirma, suġġett għal konklużjonijiet sussegwenti, il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

2013/0168 (NLE)

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu, flimkien mal-Artikolu 218(5), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Il-merkurju u l-komposti tiegħu huma tossiċi ħafna għas-saħħa tal-bnedmin, tal-annimali u tal-pjanti u fl-UE huma suġġetti għal regolamenti maħsuba biex jipproteġu s-saħħa tal-bnedmin u l-ambjent.

(2) Fl-2009, il-Kunsill Amministrattiv tal-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (l-UNEP) talab lid-Direttur Eżekuttiv ilaqqa' kumitat intergovernattiv ta' nnegozjar li ngħata l-mandat jipprepara strument globali legalment vinkolanti dwar il-merkurju, bil-għan li jlesti xogħlu qabel ma ssir is-sebgħa u għoxrin sessjoni regolari tal-Kunsill Amministrattiv fl-2013.

(3) F'Diċembru 2010, il-Kunsill awtorizza lill-Kummissjoni tipparteċipa, f'isem l-Unjoni, fir-rigward ta' kwistjonijiet li jkunu fl-ambitu tal-Unjoni u li l-Unjoni tkun adottat regoli għalihom, fin-negozjati dwar strument legalment vinkolanti dwar il-merkurju, skont id-direttivi ta' nnegozjar stabbiliti fl-Addendum għal din l-awtorizzazzjoni.

(4) Il-proċess ta' nnegozjar tlesta kif suppost, u kif kien ippjanat inizjalment, waqt il-ħames sessjoni tal-kumitat intergovernattiv ta' nnegozjar li saret f'Ġinevra bejn it-13 u t-18 ta' Jannar 2013.

(5) L-Unjoni kellha rwol importanti fit-twettiq ta' dan il-proċess ta' nnegozjar u pparteċipat b'mod attiv għar-riżultat, li huwa fil-limiti tad-direttivi ta' nnegozjar mogħtija lill-Kummissjoni.

(6) Il-Kunsill, fit-3233 sessjoni tiegħu, li saret fil-21 ta' Marzu 2013, laqa' tajjeb l-eżitu tal-proċess ta' nnegozjar.

(7) L-istrument globali u legalment vinkolanti dwar il-merkurju se jinfetaħ għall-iffirmar waqt Konferenza Diplomatika li għandha ssir f'Kumamoto (fil-Ġappun) bejn is-7 u l-11 ta' Ottubru 2013, li se tissejjaħ il-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

(8) Għalhekk, il-Konvenzjoni għandha tiġi ffirmata f'isem l-Unjoni Ewropea, suġġett għall-konklużjoni tagħha f'data aktar tard,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-iffirmar tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju b'dan qed jiġi approvat f'isem l-Unjoni, suġġett għall-konklużjoni tal-Konvenzjoni msemmija.

It-test tal-Konvenzjoni li għandha tiġi ffirmata huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill għandu jistabbilixxi l-istrument ta' setgħat sħaħ għall-iffirmar tal-Konvenzjoni, suġġett għall-konklużjoni tagħha, għall-persuna indikata min-negozjatur tal-Konvenzjoni.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill
Il-President

ANNESS

(it-test tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju)